**A.L. 157 ta' l-1994**

## ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

### Regolamenti ta' l-1994 li Jissostitwixxu l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 ta' l-Att ta'l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li jissostitwixxu l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' l-Att.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 1994.

Jissostitwixxi l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

**2.** Minflok il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att għandu jidħol dan li ġej:

"IL-ĦAMES SKEDA

**Provvisti suġġetti għar-rata speċifikata fil-paragrafu (b) ta' l-artikolu 19**

Artikolu 19(b)

1. Il-provvista ta' ikel preparat mibjugħ minn kull stabbiliment, bini, fond, jew *kiosk*, kif b'kull mod deskritt, li jipprovdi ikel preparat bi ħlas, sew jekk dak l-ikel ikun preparat hemmhekk sew jekk le, iżda eskluż —

(a) il-provvista ta' ikel fi *club* li jservi ikel esklussivament lill-membri u l-mistednin tagħhom;

(b) il-provvista ta' ikel minn *canteen*, li jkun jinstab f'*area* ta' xogħol jew studju u li esklussivament iservi ikel lill-ħaddiema u studenti f'dak il-post;

(ċ) għall-finijiet tal-pargrafu (a) ta' din il-partita —

"membri" tfisser persuni li jkunu soċji ta' *club* u li jkollhom il-miżata tagħhom imħallsa bil-quddiem għal perjodu ta' mhux inqas minn sena u li isimhom ikun jidher fuq il-kotba jew reġistri tal-*club*;

"mistednin" tfisser persuni li jkunu akkumpanjati minn membru waqt li jkunu fi *club*.

2. Il-provvista ta' ikel li jiġi kunsmat f'riċevimenti jew festini.

3. Il-provvista ta' *outside catering*.

4. Il-provvista ta' akkomodazzjoni f'xi fond li għall-għan ta' l-għoti ta' dik l-akkomodazzjoni jenħtieġ li jkollu liċenzja bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li jipprovdu Ikel jew ta' l-Att dwar il-*Guest Houses* u Postijiet *Furnished* għall-Btala.

5. Il-provvista ta' servizzi lil persuna provduti b'akkomodazzjoni f'kull fond li għalih tapplika il-partita 4 meta dawk is-servizzi jkunu jikkonsistu f'faċilitajiet li jiġu provduti f'dak l-istess fond.

6. F'din l-Iskeda l-espressjoni "ikel" tfisser ikel kif imfisser fit-Taqsima Tlieta tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att.".